**15 ta' April, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D Camilleri B.A., LL.D.**

Chev Dr. Joseph Bugeja Ph.C., M.D.

*versus*

Alfred P Farrugia *noe*

**Bearer Account - Sigriet Professjonali Bankarju -**

*Kawża fejn l-attur talab li jiġi rikonoxxut bħala proprjetarju esklussiv ta' bearer account mitluf. Talab li jagħmel xi domandi lil xhud uffiċjali tal-bank konvenut.*

*Il-Qorti irriteniet illi l-privileġġ tas-sigriet professjonali tal-bankiera mhux xi wieħed assolut iżda jsofri mil-limitazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 29 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 215), fosthom dak li hu soġett għall-ordnijiet leġittimi li tista' tagħti l-*

*Qorti fil-kors a kawża u fl-eserċizzju għad-diskrezzjoni tagħha dwar ammissibilità o meno ta' xhieda u għalhekk tiddikjarat ix-xhud definittivament produċibbli.*

Il-Qorti:- Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur wara li ppremetta illi huwa għandu depositati somma ta' flus f'*bearer account* mal-bank konvenut nomine liema depositu jinsab iskritt f'*bearer booklet* numru 1182 u liema ktieb kien juri bilanċ attiv ta' ħamest elef u tmien mitt lira maltija (Lm5,800) salv imgħax fuq l-istess;

U billi l-librett ta' dan il-kont intilef u ma setgħax jinsab mill-attur, u l-fatt tan-nuqqas tal-istess librett inġieb għakkonjizzjoni tal-bank konvenut sija personalment mill-attur kif ukoll b'korrispondenza u reċentement anki b'ittra uffiċjali notifikata f'idejn il-konvenut nomine;

U billi l-konvenut nomine jinħtieġ att dikjaratorju u awtorizzazzjoni mill-Qorti, biex jirrikonoxxu lill-attur bħala proprjetarju esklussiv tal-flus depositati għand il-konvenut nomine kif deskritt fuq sabiex jirrilaxxu lill-attur dawk l-istess somom ta' flus flimkien ma l-imgħax relattivi fuqhom; l-istess attur talab illi jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti li:

1. l-attur huwa l-uniku proprjetarju esklussiv tal-flus depositati, u cjoè tal-ħamest elef u tmien mitt lira maltija (Lm5,800) fil-*bearer account booklet* numru 1182 flimkien mal-imgħax akkumulati relattivi;

2. l-attur għandu jiġi rikonoxxut bħala l-proprjetarju esklussiv tal-imsemmi depositu mill-konvenut nomine;

3. l-attur għandu jinħariġlu mill-konvenut nomine l-librett relattiv għad-depositu fuq imsemmi;

4. li l-konvenut nomine jiġi inibit milli jħallas l-imsemmi ammont ta' flus u imgħax relattivi lill-kwalunkwe persuna li tippresenta l-librett ta' depositu imsemmi;

5. li l-konvenut nomine jirrilaxxja favur l-attur l-istess depositu, cjoè l-kapital u l-imgħax akkumulati relattivi, okkorendo wara li jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għall-każ u dan mid-data tal-presentata ta' dina ċ-ċitazzjoni jew jekk jidhrilha hekk xieraq, wara li l-attur jagħti dawk il-garanziji li jidhrilha meħtieġa timponi l-Qorti;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Ottubru 1989, u bl-imgħax relativi kontra l-konvenut nomine;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qiegħed jeċċepixxi li:

(a) l-ewwel *domanda trattandosi* minn depositu *bearer ma* tinteressax lill-bank;

(b) d-domandi l-oħra huma, fil-konfront ta' bank, insostenibbli billi l-librett *bearer* hu titolu *al portatore* u l-bank hu tenut, nonostante d-dekors taż-żmien, iħallas lil min jippresentah għall-ħlas;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u senjatament ir-rikorsi tal-attur tal-4 ta' Ġunju, 1990 u tas-26 ta' Ġunju, 1990 u r-rikors tal-konvenut tat-18 ta' Diċembru 1990, kif ukoll id-digriet relativi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

L-attur qed jitlob li jagħmel prova tramite x-xiehda tar-Reverendu Brincat (li hu uffiċjal tal-bank konvenut) tal-kontinwata eżistenza o meno tal-kont tal-*bearer* in kwistjoni, tad-data meta nfetaħ, tal-ammont li nfetaħ biħ, tad-data u tal-ammonti tad-depożiti suċċedenti li saru fil-kont, kif ukoll ta' fatti oħra relativi għall-istess kont. Fil-fehma tal-Qorti din il-prova hi rilevantissima fil-kważa. Mhux biss tista' sservi biex tikkorobora jew tgiddeb il-teżi l-attur iżda il-kwistjoni jekk il-kont għadux miftuħ jew le hija essenzjali għall-kontinwazzjoni tal-kawża u tal-eventwali esekuzzjoni tas-sentenza f'każ li l-kawża ikollha eżitu favorevoli għall-attur;

Ikkunsidrat:

Il-bank konvenut qed jopponi li jkun permess lill-attur li jagħmel din il-prova billi jippretendi li hemm fin-nofs sigrieti bankarji li ma jistgħux jiġu svelati, lanqas b'ordni tal-Qorti, jekk din l-ordni ma tkunx awtorizzata minn disposizzjoni b'xi liġi;

Il-partijiet iċċitaw l-artikolu 29 (2) tal-Kapitolu 215 Att Dwar il-Kummerċ Bankarju) li jiddisponi hekk:

"Ħlief għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu jew meta jkun meħtieġ legalment biex jagħmel hekk minn xi Qorti jew skond disposizzjoni ta' xi liġi, ħadd ma għandu jikxef xi informazzjoni dwar l-affarijiet ta' bank jew ta' klijent ta' bank li jkun kiseb fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew fl-

eserċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skond l-Att'';

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel kunsiderazzjoni li trid tagħmel il-Qorti hi li bejn it-test Malti u t-test Ingliż hemm diskrepanza importanti billi l-kelma ''jew '' li ġiet sottolinejata mill-Qorti meta iċċitat it-test malti, ma tinstabx fit-traduzzjoni fit-test Ingliż;

Konsegwentement it-test Malti, li hu dak li trid tapplika din il-Qorti, jidher aktar wiesa' mit-test Ingliż;

It-tieni kunsiderazzjoni li trid issir hija hi li l-Qorti ġiet mogħtija mil-leġislatur id-diskrezzjoni li tiddeċidi hi stess kwistjonijiet ta' rilevanza u ammissibilità ta' provi. Dan hu poter neċessarju għall-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja u hu għalhekk li l-artikolu 587 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi li:

''Ix-xhud għandu jwieġeb għall-kull mistoqsija li l-Qorti tippermetti li ssirlu u l-Qorti tista' ġġiegħlu jwieġeb billi tordna d-detenzjoni tiegħu sakemm ikun ħalef u wieġeb'';

It-tielet kunsiderazzjoni li tagħmel il-Qorti hi li il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili isemmi ċerti każijiet fejn xhud jista' jinvoka il-privileġġ li ma jixhedx minħabba s-sigriet professjonali bħal ma hu il-privileġġ tal-avukat, tal-prokuratur legali, tas-saċerdot dwar qrar u tal-interpretu li jkun ta' assistenza *tiegħu f'każijiet bħal dawn (ara artikolu 588 Kap. 12);*

Biex xhieda bħal dawn ikunu eliġibbli li jixhdu, il-klijent

(jew il-penitent fil-każ tas-saċerdot) ikun irid jagħti preventivament il-kunsens tiegħu;

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma jsemmiex il-privileġġ tas-sigriet professjonali tal-bankiera, Però dan il-privileġġ hu sanċit fil-liġi speċjali fuq ċitata, ċjoè l-imsemmi Kapitolu 215 fl-artikolu 29;

Dan il-privileġġ ma hux wieħed assolut iżda, jsofri mill-limitazzjonijiet imsemmija f'dak l-artikolu, fosthom dak li hu soġġett għall-ordnijiet leġittimi li tista' tagħti l-Qorti fil-kors ta' kawża u fl-eserċizzju tad-diskrezzjoni tagħha dwar ammissibilità o meno ta' xhieda;

Ma hemmx għalfejn jingħad hawn, li qabel ma tinħareġ ordni biex uffiċjal tal-bank jixhed fil-kawża, il-Qorti trid tkun moralment sodisfatta li tali provi, tkun strettament neċessarja għar-retta u ġusta amministrazzjoni tal-ġustizzja u inoltre tali ordni tinħareġ biss wara riflessjoni matura u kunsiderata;

Ir-raba' kunsiderazzjoni li ċertament trid issir hi li wieħed irid jiddistingwi bejn każ fejn bank ikun ċitat bħala konvenut, ċjoè jkun parti f'kawża, u każ ieħor fejn il-bank jiġi mħarrek bħala sempliċi xhud f'kawża bejn terzi persuni. F'dan l-aħħar imsemmi każ jista' jkun li l-bank jinvoka b'suċċess il-privileġġ tas-sekretezza bankarja. Però fir-rigward tal-ewwel każ, din il-Qorti jidhrilha, li meta l-bank ikun konvenut f'kawża, bħal norma, għandu jiġi trattat bħal kwalunkwe konvenut ieħor u għalhekk ma jistax jinvoka l-imsemmi privileġġ. Il-Qorti tifhem illi dan il-privileġġ ma ingħatax lill-istituzzjonijiet bankarji biex igawdu posizzjoni privileġġjata *vis-a-vis* persuni oħra, iżda ġie

rikonoxxut unikament biex il-**klijent** tas-servizzi bankarji ikun adegwatament salvagwardat għal dak li jirrigwardja il-kunfidenzjalità tat-transazzjoni bankarja in kwistjoni;

Fi kliem ieħor, għalkemm jiġi invokat mill-bank, però dan il-privileġġ jappartjeni essenzjalment lill-klijent. Biex issir analoġija mal-każ ta' avukat, prokuratur legali jew saċerdot li jirċievi qrara, tista' ssir riferenza għall-artikolu 588 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jiddisponi li biex persuni bħal dawn ikunu jistgħu jixhdu, irid ikun hemm il-kunsens preventiv tal-klijent jew tal-penitent. Dana, jindika *fil-fehma tal-Qorti, li l-privileġġ in rejaltà hu tal-klijent u mhux* tal-professjonisti imsemmija;

Issa meta il-klijent ta' bank għal xi raġuni iħarrek lill-bank bħala konvenut f'kawża dwar xi kont li jkollu fil-bank, tkun assurdità legali li l-bank jinvoka l-privileġġ imsemmi, billi dan il-privileġġ essenzjalment ma jappartjeniex *lilu* iżda *lill-klijent* tiegħu ċjoe lill-attur f'kawża bħal dik;

Bl-istess mod jekk avukat isib ruħu konvenut f'kawża li ex-klijent tiegħu għamillu għad-danni wara parir grossolanament skorret, dan l-avukat ma jistax jinvoka s-sigriet professjonali biex jevita li jixhed, għall-bżonn in subizzjoni, fil-kawża;

Infatti, li kieku l-privileġġ tas-segretezza tal-bank ikun estiż kif jippretendi l-konvenut, l-istitut importanti tas-subizzjoni tal-konvenut (ara sub-titolu VI tat-titolu I tat-tielet Ktieb tal-Kodiċi *ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) jiġi reż inapplikabbli* fil-kawża odjerna, ħaġa li ma hi ebda mod permessa għax m'hiex sanċita minn ebda liġi;

Ikkunsidrat:

Illi konsegwentement l-opposizzjoni li qegħda ssir mill-konvenut għat-teħid tad-deposizzjoni tiegħu (jew ta' uffiċjali tal-bank konvenut) relattivament għall-informazzjoni dwar il-kont "*bearer*" meritu ta' din il-kawża, hi inattendibbli;

Għal dawn il-motivi:

Tidderimi dan l-inċident billi tiddikjara lix-xhud Reverendu Joseph Brincat bħala xhud debitament produċibbli mill-attur u tordna lill-istess Reverendu Brincat, li bħal kull xhud ieħor, iwieġeb għad-domandi kollha relevanti li jsirulu dwar il-kont, salvi is-sanzjonijiet tal-liġi f'każ ta' nuqqas ta' aderenza ma din l-ordni;

L-ispejjeż dwar dan l-inċident jibqgħu definittivament a kariku tal-konvenut.